

V

(Avviżi)

## PROĊEDURI TAL-QORTI

## QORTI TAL-EFTA

## SENTENZA TAL-QORTI

tat-13 ta' Settembru 2017

fil-Kawża E-15/16

## Yara International ASA vs Il-Gvern Norveġiż

(Libertà tal-istabbiliment — l-Artikoli 31 u 34 taż-ŻEE — Neċessità — Leġiżlazzjoni nazzjonali dwar kontribuzzjonijiet tat-tip intra-grupp — Allokazzjoni bbilanċjata tas-setgħat ta' tassazzjoni — Eċċezzjoni ta' telf finali — Riskju ta' evitar tat-taxxa — Proġetti kompletament artifiċjali — Projbizzjoni ta' abbuż tad-drittijiet)

(2018/C 16/04)

Fil-kawża E-15/16, Yara International ASA vs. Il-Gvern Norveġiż — TALBA lill-Qorti skont l-Artikolu 34 tal-Ftehim bejn l-Istati tal-EFTA dwar it-Twaqqif ta' Awtorità ta' Sorveljanza u ta' Qorti tal-Ġustizzja mill-Qorti tal-Appell ta' Borgarting (*Borgarting lagmannsrett*) dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 31 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea fil-kuntest ta' regoli nazzjonali dwar kontribuzzjonijiet tat-tip intra-grupp, il-Qorti, preseduta minn Carl Baudenbacher, President u Imhalef Relatur, Per Christiansen, u Asa Ólafsdóttir (*ad hoc*), Imħallfin, tat is-sentenza tagħha fit-13 ta' Settembru 2017, li l-parti operattiva tagħha hija kif ġej:

L-Artikoli 31 u 34 tal-Ftehim ŻEE ma jipprekludux l-applikazzjoni ta' regoli nazzjonali dwar kontribuzzjonijiet tat-tip intra-grupp, bħalma huma r-regoli tal-Att tat-Taxxa Norveġiż, li taħthom il-kontribuzzjoni tnaqqas id-dħul taxxabli ta' min qed jittrasferixxi u hija inkluża fid-dħul taxxabli tal-benefiċjarju irrispettivament minn jekk ir-riċevitur jagħmilx telf jew qligħ għal finijiet ta' taxxa, li jstabbilixxu l-kundizzjoni li kemm min jagħmel it-trasferiment u kemm id-destinatarju huma suġġetti għal tassazzjoni fl-Istat taż-ŻEE inkwistjoni. Hija kundizzjoni tal-liġi taż-ŻEE li l-leġiżlazzjoni nazzjonali trid isservi għan leġittimu bħalma huma n-neċessità li titħares l-allokazzjoni bbilanċjata tas-setgħat ta' tassazzjoni bejn l-Istati ŻEE jew li jiġu preklużi arranġamenti purament artifiċjali li jwasslu għal evażjoni fiskali. Madankollu, ir-reqwiziti tal-liġi nazzjonali jmorru lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinlaħqu dawn l-għanijiet f'każijiet fejn it-telf subit minn kumpanija sussidjarja barranija jkun finali.